Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 209 / 2015**

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mercieca)

(Spettur James Grech)

vs

**Josmar Pace**

Illum, 12 ta' Marzu, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Josmar Pace iben George, imwieled Pieta' , fl-10 ta' Novembru, 1986, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 519486 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-16 ta' Settembru 2008, ghall-habta tal-11.30am gewwa l-banka tal-lottu nru. 121 (numru tal-agenzija 102026) fi Triq San Kristofru, Valletta, ikkommetta serq ta' flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix lelfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' Marco Micallef u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

(i) bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sandy Scerri kontra l-volonta' taghha;

(ii) filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t' arma tan-nar jew imitazzjoni t' arma regolari.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' April, 2015 fejn il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz imsemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni u ma ssibux hati wkoll tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b' hekk illiberatu mill-imsemmija kwalifiki u mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 261 (c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Josmar Pace hati tal-ewwel (1) imputazzjoni [cioé ta' serq kwalifikat bil-valur **<u>biss</u>**] u kkundannatu ghal perijodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija li b' applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' elf, mija u hdax-il Euro u sitta u sebghin centezmu (€1111.76) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' l-esperti f' dan il-kaz.[1]

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Borg minnu pprezentat fil-11 ta' Dicembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **<u>tirriforma is-sentenza</u>** appellata fis-sens illi:

**<u>a. tikkonfermaha</u>**

(i) f' dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat Josmar Pace hati tal-ewwel (1) imputazzjoni [cioé ta' serq kwalifikat bil-valur biss] u

(ii) fejn ma sabitux hati tat-tielet (3) imputazzjoni,

[1] Dr. Martin Bajada (€343.36) (*a fol.* 42 *tergo*); Is-Sur Vincent Ciliberti (€370.99) (*a fol.* 20 *tergo* tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); PS 1184 Patrick Grech (€11.65) (*a fol.* 55 tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); PC 453 Brian Cassar (€43.06) (*a fol.* 61 tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); PC 6 Duncan Demicoli (€130.30) (*a fol.* 66 tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); Dr. Martin Bajada (€212.40) (*a fol.* 74 *tergo* tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process).

(iii) kif ukoll fejn b' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur mill-lum ihallas is-somma ta' elf, mija u hdax-il Euro u sitta u sebghin centezmu (€1111.76) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' l-esperti f' dan il-kaz;

**b.** **tirrevokaha u thassarha**

(i) f' dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat appellat hati tal-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz imsemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni u

(ii) fejn ma sabitux hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni

(iii) kif ukoll fejn erogat piena

**c.** **minflok** issib lill-appellat Josmar Pace hati ukoll ta' :-

(i) tal-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz imsemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni u

(ii) tat-tieni imputazzjoni u

(iii) tinfliggi piena skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, inter alia għamlet enuċazzjoni manifestament żbaljata tal-provi u tal-ligi li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat mill-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz imsemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni, kif ukoll ghall-helsien mit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Kwalifika tal-Mezz**

Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha rriteniet fir-rigward tal-kwalifika tal-mezz li din ma tirrizultax. Illi madanakollu l-Avukat Generali huwa tal-umli fehma li dan l-aggravju jirrizulta ghas-segwenti ragunijiet :-

Illi ai termini tal-Artikolu 236(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, is-serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" -"***meta l-ħalliel*** *jiżbogħ wiċċu, jew* ***jilbes*** *maskra jew* ***għata oħra tal-wiċċ****, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq, jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari, jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel."*

Illi fil-kaz in ezami, Sandy Scerri tat id-deskrizzjoni tal-aggressur bhala persuna *"mhux twil hafna, xi 5' 5, 5' 6, naqra samrani, kellu l-flokk imtellgha ma' mniehru* ***kemm jghatti nofs wiccu***[2]*, xaghru qasir u hafif."* (Ara *process verbal a fol 19)*. Illi ghaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma li stante li l-aggressur kellu ghata tal-wicc, tirrizulta wkoll il-kwalifika tal-mezz u l-imputat appellat kellu jinsab hati wkoll ta' din il-kwalifika.

**Kwalifika tal-Vjolenza**

Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati rriteniet fir-rigward tal-kwalifika tal-vjolenza, li *"s-Sur Vincent Ciliberti fl-Inkjesta Magisterjali Sandy Scerri qaltlu li l-persuna li wettaq is-serqa kellu xugaman f' idejh. Tghid: "deher li fix-xugaman kellu arma li jien ssuspettajt li kien xi senter ghax kien twil" (a fol. 27 tal-proces verbal). Minn dan biss, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputat effettivament kienx armat jew le u b' hekk il-kwalifika tal-vjolenza ma tirrizultax."*

Illi filwaqt li l-esponent jaqbel mal-Qorti tal-Magistrati fejn irriteniet li ma rrizultax jekk l-imputat kienx effetivament armat jew le (u fil-fatt mhux qed jappella mill-liberazzjoni tat-tielet imputazzjoni), l-esponent huwa tal-umli fehma li l-aggravju tal-vjolenza xorta kien jirrizulta u dan stante li ai termini tal-Artikolu 262(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk is-serq isir flimkien ma' sekwestru tal-persuna, ikun jirrizulta wkoll l-aggravju tal-vjolenza. Illi stante li dan l-aggravju huwa marbut intrinsikament mal-aggravju li jmiss, l-esponent ser jaghti l-motivazzjoni tieghu ghal dan l-aggravju, aktar ' il quddiem.

[2] Enfasi mizjuda mill-esponent

**Arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi**

Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha filwaqt li taghmel riferenza ghal konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-kwalifika tal-vjolenza taht l-ewwel (1) imputazzjoni, tinnota, ghall-istess ragunijiet, li anke t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b' hekk l-imputat gie liberat minnha. Illi madanakollu l-esponent huwa tal-umli fehma li din l-imputazzjoni giet sodisfacentament ippruvata u dan ghas-segwenti ragunijiet :-

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid:-

> *"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell' articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

Illi l-interpretazzjoni li dejjem inghatat mill-gurisprudenza nostrana f' din il-materja hija wahda pjuttost wiesgha fis-sens illi mhux necessarjament irid jirrizulta li persuna nzammet imsakkra go post jew marbuta ma' xi siggu biex is-sekwestru jirrizulta. Fil-fatt jekk jirrizulta li l-vittma tas-sekwestru kienet anke jekk ghall-mument qasir hafna inkapaci li taghmel dak li trid u dan kontra r-rieda taghha, hemmhekk jirrizulta r-reat kontemplat taht l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan jista' jsehh anke fid-dar tal-istess vittma u anke bil-bieb miftuh.

Illi fil-kaz in ezami, Sandy Scerri fix-xhieda taghha tghid li kien dahal ragel, avvicina l-bank, kellu xugaman f' idejh u deher li fix-xugaman kellu arma li hi ssuspettat li kien xi senter ghax kien twil. Ix-xhud tghid li dan ir-ragel kien qallha sabiex taghtih li kellha u qallha li kellha sakemm tghodd tlieta u fil-fatt hija kienet bezghet u ghaddietlu l-ammont ta' sitt mitt ewro (€ 600). Illi fil-fehma tal-esponent dawn il-fatti

kif esposti kienu bizzejjed biex ifissru ix-xorta tar-reat ta' serq kif kwalifikat bis-sekwestru tal-persuna u dan stante li Sandy Scerri kienet anke jekk ghall-mument qasir, inkapaci li taghmel liberalment dak li trid.

Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti li l-imputat Josmar Pace kellu jinstab hati wkoll tal-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz imsemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell tal-Avukat Generali dwar hold-up li sehh hdax-il sena ilu u dan wara li l-ewel Qorti ma kientix sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz u bil-vjolenza u talli ma sabitux hati tal-akkuza ta' arrest illegali. Ghalhekk din il-Qorti ser tittratta dawn iz-zewg akkuzi biss u cioe l-aggravji tal-mezz vjolenza fir-rigward tal-akkuza ta' serq li gja sabitu hati taghha u tar-reat ta' sekwetru ta' persuna.
Illi jirrizulta li l-hold-up fil-banka tal-lottu sehh fis-16 ta' Settembru, 2008 u l-Magistrat ta' l-ghassa l-allura Magistrat Dr. Micahel Mallia kien innomina diversi esperti sbeix jassistu lill-Magistrat f'dik l-indagini. Tant li quddiem l-esperti nominati minnu kien hemm numru ta' xhieda li xehdu fostom Sandra Scerri, Mario Micallef u Marthese Cauchi. Dawn kollha xehdu quddiem l-eseprt tekniku Vincent Cilberti.

**Sandra Scerri** xehdet dak inhar stess tal hold-up u spjegat illi hija impjegata mal-banka tal-lotto Numru 121 fi Triq Kristofru, il-Belt Valletta liema banka hija prorpjeta' ta' Mario Micallef. Spjegat li dakinhar kienet xoghol u ghall-habta tal-11.00a.m kient wara il-banka tal-Lottu wahedha dak il-hin u dahal ragel, twil circa 5'

6", mhux qawwi u kemxejn samrani, ghajnejh kannella u ftit xaghar baxx u hafif lewn iswed u dahal b'T-shirt twil, b'ghonq imtella sa taht ghajnejh, avvicina il-bank kellu xugaman f'idejh u deher li fix-xugaman kellu arma u hija ssuspettat li kien xi senter twil. Dan qallha bex ittih li kellha b'referena ghal-flus u biex thaffef u dan sakemm jghodd tlieta u hija bezghet u ghaddietlu is-somma ta' sitt mitt euro (€600).

Illi din ix-xhud regghet viva voce il-Qorti nhar id-19 ta' Mejju 2014 (fol. 62), sitt snin wara l-akkadut u mistoqsija kif kien xaghar l-malvivent tghid li kellu xaghru qasir u lixx.

**Mario Mciallef** xehed fl-istess jum u kkonferma li huwa sid il-banka tal-lottu numru 121, Triq Kristofru, il-Belt Valletta u dak in-nhar tas-16 ta' Settembru, 2008 kien qieghed jahdem l-Msida fl-ufficcju tieghu u ircieva telefonata minghand Sandra Scerri fejn gie infurmat li kienu ghadhom kemm serquha u instemghet ferm ecitata Ghalhekk ma jirrizultax li kien fuq l-post u ghalhekk dettalji dwar il-malvivent li dahal fil-banka ma jistax jghati.

**Marthese Cauchi** xehdet u qalet li hija loal warden u ghal-habta tal-11.10 /11.15 tas-16 ta' Setembru, 2008 waqt li kient fi Triq ir-Republika kantuneira ma Triq Kristofru giet avvicinata minn persuna li qaltilha li hi sid il-banka tal-lottu u li kienu ghadhom kif ghamlulu *hold-up* fil-banka. Hija ghalhekk ukoll ma ratx is-serqa isehh u xehdet dwar dak li gie rappurtat lilha.

Konsegwentement l-unika persuna li kienet fuq il-post meta sehh il-*hold-up* kienet il-persuna ta' Sandra Scerri.

Illi dan l-appell tal-Avukat Genrali mhux centrat fuq kwistjoni jekk l-ewwel Qorti kellhiex issib lill-appellant hati li ghamel il-hold-up ghaliex dwar dan ma hemmx appell intavolat izda qed jitlob li ikun htija ukoll fir-rigward tal-aggravju tal-mezz. L-artikolu 263 tal kapitolu 9 jipprovdi is-segwenti dwar l-aggravju tal-mezz u cioe:_

*Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz"*

*(a ) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata;*

*b) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jagħmel is-serq,jieħu t-titolu jew il-libsa ta' uffiċjal ċivili jew militari,jew jippretendi li għandu ordni maħruġ minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezziqarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex igħinu s-serq,jew biex ma jikxfux il-ħalliel*

Illi dwar is- sub inciz (a) zgur li mhux applikabbli ghal-kaz u dan ghaliex l-malvivnet jew ahjar l-appellant issa li gie identifikat u misjub hati dahal fil-banka liberament minghajr ma uza xi imfietah foloz jew minghajr ma ghamel xi skalata. Dahal bil-mixi wahdu. Jirrizulta pero skond ix-xhieda ta' l-uniku xhud okulari li '<u>kien libes T shirt twil b'ghonq imtella sa taht ghajnejh'</u>. Issa ghalhekk il-Qorti trid tara jekk tali ilbies jaqax id-definizzjoni tal-aggravju tal-mezz. Il-ligi tua il-frazi "*jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ*". Issa mhemmx dubbju li jekk l-appellant ghatta parti minn wiccu ghaliex kif qalet Sandy Scerri "*dahal b'T shirt twil, b'ghonq imtella sa taht ghajnejh*" li huwa fil-fatt ghatta parti sostanzjali minn wiccu bl-intendiment li ma jintgharafx. Il-legislatur haseb ghal dan il-provediment bhala aggravju u cioe' dak tal-mezz ghaliex kien ikun aktar difficli li l-malvivent jinqabad jekk wiccu ikun mghotti.

Dan l-aggravju tal-mezz ghalhek jirrizulta.

Dwar l-aggravju l-iehor u cioe tal-vjolenza din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 262 jiddisponi s segwenti:

262.(1) *Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" –*

*(a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma'theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta'offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;*

*(b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentawruħhom iżjed minn tnejn;*

*(ċ) meta wieħed li jkun qiegħed jiġġerra mal-kampanja, armat b'armi regulari, jew li jkun jagħmel sehem minn ġemgħa ta' nies miġbura flimkien fis-sens tal-artikolu 63, b'talba bil-miktub jew bil-fomm, magħmula minnu nnifsu jew permezz ta' persuna oħra, iġiegħel li jiġu*

*mogħtija lilu ħwejjeġ ħaddieħor, għad illi t-talba ssir mingħajr ebda theddid.*

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant kien wahdu u dan ghaliex ix-xhud okulari Sandy Scerri tghid li kien ragel li dahal wahdu li rrizulta li kien l-appellant u r-reat ta' serq ma kienx akkompanjat b'omicidju, b'offiza fuq il-persuna, sekwestru tal-persuna, theddid jew hsara fuq prorpjeta'. Lanqas ma jirrizulta li l-appellant kien armat meta dahal u dan ghaliex skond Sandy Scerri tghid li "*kellu xugaman f'idejh u deher li fix-xugaman kellu arma u hija ssuspettat li kien xi senter twil*". Naturalment f'proceduri kriminali l-Qorti ma tistax tibbaza il-htija fuq mera suspett. Lanqas ma jirrizulta li kien parti minn gemgha ta' nies jew li kien qed jiggerra fil-kampanja. Ghalhekk zgur li d-definizzjoni kif moghtija mill-ligi ta' x'jinkwadra fl-aggravju tal-vjolenza ma japlikax ghal kaz in desamina.

L-Avukat Generali jargumenta li l-fatt li Sandy Scerri ma kellhiex l-fakolta li titlaq minn fejn kienet u cioe' ma kienitx libera, jammonta ghall-aggravu tal-vjolenza. Dan l-argument pero' ghal Qorti huwa wiehed fallaci u ma isib l-ebda sostenn. Dan l-aggravju ma jirrizultax provat.

Dwar it-tieni akkuza u cioe dik ta' sekwestru ta' persuna l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghidu l-awturi u s-sentenzi tal-Qorti qabel ma tidhol tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz.

L-artikolu 86 tal-Kap 9 jiddisponi li:

"*Kull min bla ordni skond l-ligi t'awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li finhom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm je jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.*"

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandhux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-appellant ma kellux awtorita' skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda min naha l-ohra, jista' jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Sandy Scerri?

Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak

li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna w it-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "*sekwestru*" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika jindika li taht dan il-Kap jaqa' agir li jekk kommess min minn ghandu awtorita' ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti '*by words alone if one suibmits.*' [vide **Il-Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.]

**Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal artikolu 86 taghna a fol 112 para. 788; Vol II billi jghid:

"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia **assoluta**[3] e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita di scampo o di soccorso"
**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale**[4] jghid:
"*Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e` totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

L-ewwel nett zgur li hu pacifiku li l-appellant ma kellux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra jista jinghad li huwa b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil vittma Sandy Scerri?

[3] Enfasi ta' din il-Qorti
[4] Ediz. 1977; pg. 134

L-appellant skond ma qalet Sandra Scerri dahal mill-bieb tal banka tal-lottu " *qallha biex ittih li kellha b'referena ghal flus ubiex thaffef u dan sakemm jghodd tlieta u hija bezghet u ghaddietlu is-somma ta' sitt mitt euro ( €600)".* Minn din ix-xhieda ma jirrizultax li in effetti is sinjura Scerri kient issekwestrata u li ma setghetx titlaq liberament. Donnu kollox gara fi ftit minuri u dan ghaliex appena dahal fil-banka tal-lottu u talabha il-flus hija tathomlu u huwa telaq l'barra u ghalhekk zgur li ma jsitax jingahd li kien hemm xi sekwestru. Ma kien hemm l-ebda zamma. L-ebda bieb ma gie maghluq. L-ebda kliem ma ingahd li jidnika li is sinjrua Sceri ma setghetx tallonta ruhha. L-hsieb taghha kien wiehed mhux li titlaq'l barra izda li tatih il-flus biex hu jitlaq il-barra. Dik kient id-decisjoni li ghamlet dak il-hin. Fl-ebda hin tghid li xtaqet titlaq pero' ma setghex. Din l-akkuza ghalhekk ma tirizutlax kif tajjeb oservat u kkonkludiet l-ewwel Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-valur u fejn ma sabitux hati tat-tieni u tat-tielet akkuza, qieghda tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati tal l-aggravju tal-vjolenza pero' qeda tirriformaha f'dik il-parti fejn ma sabitux hati tal-aggravju tal-mezz u minflokk tiddikajra li qed issibu hati tal-aggravju tal-mezz skond l-artikolu 263 ( b) tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Li stante li qed issib lill-appellant hati tal-aggravju tal-mezz apparti l-aggravju tal-valur qieghda tirriforma il-piena inflitta b'dan illi wara li rat l-artikoli 261 ( c), 263 (b) u 267 u tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija u stante li ghaddew hdax-il sena minn meta sehh ir-reat in kwistjoni, u ma jidhirx li l-appellant baqa' fil-hajja ta' kriminalita qieghda tisospendi l-operat ta' din is-sentenza ghal perijodu ta' sentejn m'illum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Qieghda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwwel Qorti ikkundnantu ihallas l-ispejjez tal-periti fl-ammont ta' €1,111.76 ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero' dan fi zmien sitt xhur mill-illum.

Il-Qorti spejgat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-entenza tintbagaht lid-Direttur tal-Qorti Kriminali bil-ghan li jigbor l-ispejjez tal-periti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur